# Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Magistrat

## Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can.)

## Rikors Nru.: 129/17 CSH

## Fl-atti tal-ittra ufficjali numru 1158/17 fl-ismijiet:

## Automated Revenue Management Services Ltd. (C46054)

## Vs

## Tania Formston (I.D. 359173M)

**Illum 15 ta' Novembru, 2017.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Tania Formstonipprezentat ai termini tal-Artikolu 466(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta nhar it-12 ta' Mejju, 2017 fejn talbet:

Illi r-rikorrenti kienet u ghadha tirrisjedi gewwa l-fond 58, Triq Carini, Santa Venera. Dan il-fond gie assenjat lilha ai termini tal-Kuntratt tas-Separazzjoni taghha minn ma' zewgha Jason Formston – kuntratt datat 10 ta' Mejju 2011 fl-atti tan-Nutar Dorianne Arapa, kopja annessa u mmarkata Dok. TF1.

Illi fir-residenza tar-rikorrenti, kienu u ghadhom jghixu iz-zewgt itfal tal-partijiet u cioe' Sasha u Kayleigh Formston.

Illi ai termini tal-Artikolu 8 (l-ahhar paragrafu) ta' l-istess kuntratt:

***"Kull parti tkun responsabbli ghall-hlasijiet dwar il-kera u l-konsum tas-servizzi, inkluz arretrati u kull hlas iehor dwar l-immobbli lilu jew lilha assenjati skond dana l-att."***

Illi dakinhar tal-kuntratt tas-separazzjoni, il-kont tad-dawl u ta' l-ilma kien fuq isem ir-ragel tar-rikorrenti izda fil-gurnata tas-separazzjoni ma kien jidher assolutament l-ebda bilanc u ghalhekk hija ffirmat din il-klawsola. Hekk ukoll ma kien jidher u jirrizulta l-ebda bilanc meta sar it-transfer tal-meter minn fuq isem zewgha ghal fuq isimha- pjuttost, ir-rikorrenti dak iz-zmien kienet giet infurmata illi hija kellha tigi rifuza – u mhux thallas - flus.

Illi xhur twal wara s-separazzjoni irrizulta illi l-kontijiet li kienu indikati bhala dovuti sad-data tas-separazzjoni kienu ferm inferjuri ghal dawk effettivament dovuti u dan stante zball tal-konnessjoni tas-servizzi u cioe' interchange. Rizultat ta' dan ir-rikorrenti kellha taffaccja kontijiet enormi ghall-uzu ta' dawl u ta' ilma u li kieku kienet konxja dwar l-istess, ma kenitx taghit l-kunsens taghha ghall-artikolu relattiv fil-kuntratt tas-separazzjoni.

Illi fi kwalsiasi kaz, wara zmien estensiv ta' negozjati mid-Dipartiment ARMS, ir-rikorrenti giet infurmata illi nonostante is-sitwazzjoni sfortunata, hija ma kellha ebda ghazla ohra ghajr illi thallas. Tentattivi sabiex il-kontijiet jithallsu minn zewgha sfaw inutli.

Illi r-rikorrenti kienet minghajr impjieg u sa ftit xhur ilu kienet iddedikata unikament ghaz-zewgt itfal taghha. Illum sabet impjieg.

Illi ai termini ta' Ftehim bejn ir-rikorrenti u ARMS Ltd., iffirmat fl-24 ta' April 2017 u cioe' erbat ijiem biss wara li giet intavolata l-ittra ufficjali mertu tar-

rikors odjern, il-kontendenti ftehmu illi l-ammont totali dovut mir-rikorrenti kien ta' €4668.40 u mhux kif indikat fl-ittra Ufficjali, u li dan l-ammont kellu jithallas ai termini tal-Ftehim kopja annessa u mmarkata bhala Dok. TF2.

Illi ai termini ta' l-istess Ftehim:

***"ARMS Ltd. Tirrizerva d-dritt li tiehu azzjoni ulterjuri jekk int tonqos li tonora l-ftehim dwar il-hlas bin-nifs."***

Illi kif indikat fl-istes ftehim, dan jirreferi ghall-kont numru 411000026443 li huwa l-istess kont indikat fl-ittra ufficjali.

Illi sa llum il-hlasijiet kollha skond il-Ftehim saru debitament.

Illi ghalhekk stante illi:

i. Jezisti Ftehim vigenti bejn il-partijiet ergo rabta kuntrattwali li ma jistax jigi mwarrab.
ii. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont indikat fil-Ftehim data wara l-ittra ufficjali jindika ammont ferm inqas minn dak indikat fl-ittra ufficjali u l-anness Affidavit.
iii. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, sa llum, saru diversi hlasijiet u ghalhekk l-ammont indikat fil-Ftehim ukoll rega' naqas ergo l-ammont indikat.
iv. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-Rikorrenti onorat il-Ftehim li gie konkluz <u>**wara** l-intavolar ta' l-Ittra Ufficjali u stante li r-Rikorrenti sa llum</u> pjenament onorat il-hlasijiet minnha dovuti skond l-istess Ftehim – kwalsiasi talba ghall-hlas immedjat ta' l-ammont dovut f'pagament

wiehed u kwalunkwe tentattiv ta' ezekuzzjoni huwa prematur, intempestiv u infondat u dan stante fatti godda u ftehim appozitu gdid.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti filwaqt li taghmel referenza ghas-suespost, titlob illi l-pretensjoni kif dedotta fl-ittra ufficjali numru 158/17 fl-ismijiet: **Automated Revenue Management Services Ltd. (C46054) vs Tania Formston Karta ta' l-Identita' Numru 359173M** tigi michuda u/jew sospiza u dan that dawk il-provvedimenti illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta tal-Automated Revenue Management Services Limited (C46054) tal-25 ta' Mejju 2017 fejn esponiet:

1. Illi fl-ewwel lok, l-esponenti ritavolat l-ittra ufficjali li tat bidu ghal din il-procedura f'isimha propju u anke ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-Enemalta plc u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-ilma u ghalhekk ghandha tigi ndikata bhala, "Automated Revenue Management Services Limited propio, et, nomine.

2. Illi huwa minnu li l-itttra ufficcjali promotorja giet intavolata erbat ijiem biss qabel mar-rikorrenti resqet biex tiffirmat ftehim mal-esponenti ghall-hlas ta' l-arretrati.

3. Illi huwa minnu wkoll li tali ftehim sad-data tal-prezentata ta' dir-risposta qed jigi onorat.

4. Illi l-bilanc fuq il-kont numru 411000026443 illum huwa ta' €4,668.40 li skond il-ftehim ghandu jithallas fl-intier tieghu sat-30 ta' Ottubru 2017, kif juri d-dokument esebit mir-rikorrenti stess u cioe dak markat bhala "Dok TF2"

5. Illi flimkien ma dir-risposta qed tigi wkoll ipprezentata nota li bija qed tigi mitluba riduzzjoni fl-ammont pretiz sabiex jirrifletti l-hlas li sar wara l-prezentata tal-ittra ufficjali bin-numru 1158/2017.

6. Illi ghaldaqstant u b'rizerva ghal kull prova ohra kif ikun mehtieg li tingieb, bil-permess ta' din il-Qorti, is-Socjeta' esponenti pro et nomine titlob

i. Titlob li din il-Qorti tordna li jigi korrett l-okkju, kif spjegat fuq;

ii. Li din il-Qorti tiddifferixxi dil-procedura ghal wara t-30 ta' Ottubru, 2017 sabiex f'kaz li l-hlas kollu jkun sar, is-socjeta' esponenti tkun tista ccedi l-procedura stante il-hlas, b'rizerva ghall-ispejjez u drittijiet in konnessjoni ma din l-istess procedura, jew f'kaz li dan ma huwiex accettabbli ghal din il-Qorti li,

iii. Fuq l-ammissjoni ta' l-istess rikorrenti tinghata sentenza fuq l-ammont illum dovut, kif imsemmi aktar il-fuq.

Rat in-nota pprezentata minn Automated Revenue Management Services Limited fil-25 ta' Mejju, 2017, li permezz taghha t-talba giet ridotta ghall-amont ta' €4668.40, stante hlas fil-mori ta' dil-procedura.

Rat illi fis-seduta tat-8 ta' Novembru, 2017 ir-rikorrenti ddikjarat li l-ammont dovut minnha fil-prezent huwa ta' €3263.88.

Semghet lis-socjeta' intimata tiddikjara li hija kienet disposta taccetta li r-rikorrenti thallas dan l-ammont dovut minnha f'pagamenti mensili u konsekuttivi ta' mitt Ewro (€100).

Semghet lill-partijiet jitolbu li tinghata sentenza f'dan ir-rigward.

Ikkunsidrat:

Illi kif iddikjarat mir-rikorrenti, u kkonfermat mir-rapprezentant tas-socjeta' intimata, l-ammont dovut lill-istess socjeta' ghall-hlasijiet ta' dawl u ilma fuq il-kont numru 411000026443 rigward il-fond numru 58, Triq Carini, Santa Venera, huwa ta' tlett elef, mitejn u tlieta u sittin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€3263.88).

**Il-Qorti ghalhekk qeghda tilqa' t-talba rikorrenti, fis-sens li tichad il-pretensjoni ghall-hlas immedjat ta' l-ammont dovut f'pagament wiehed kif dedotta fl-ittra ufficjali numru 158/17 fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd (C46054) vs Tania Formston attrici u tordna li l-ammont dovut ta' tlett elef, mitejn u tlieta u sittin Ewro u tmienja u tletin centezmu (€3263.88) jithallas mir-rikorrenti lis-socjeta' intimata f'rati konsekuttivi ta' mitt Ewro (€100) fix-xahar.**

**L-ispejjez tal-procedura odjerna huma a karigu tar-rikorrenti Tania Formston.**

Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Magristrat

Marbeck Spiteri

Deputat Registratur